Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CAROL PERALTA**

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2004

Numru 448/2001

**PULIZIJA**
**SPETTUR PIERRE MICALLEF GRIMAUD**

**VS**

**CONRAD ZAMMIT.**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Conrad Zammit ta' 24 sena, bin Victor u Margaret nee' Scicluna

imwieled Attard, fit-28 ta' Marzu 1980 u joqghod Villa Tamira, Triq San

Gwann l-Evangelista, Naxxar, karta tal-identita' numru 205780M;

Talli fis-26 ta' Lulju 2001, ghall-habta ta' nofs il-lejl u hames minuti, fi Triq Sant Andrija, Swieqi, limiti ta' San Giljan, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti tat-traffiku, waqt li kien qed issuq vettura bin-numru ta' registrazzjoni RAD 577 ta' ghamla Isuzu, ikkaguna griehi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Ariana Maroco skond ma' ccertifikat it-tabiba Vanessa Ventura M.D. ta' l-Isptar San Luqa.

Ukoll talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, ikkaguna griehi ta' natura hafifa fuq il-persuni ta' Chiara Marchesse, Barbara Bistone u Bendetta Di Salvo, skond ma' ccertifikaw it-tobba Farenzi M.D,. u Vanessa Ventura M.D. ta' l-Isptar San Luqa.

Ukoll talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, saq vettura bin-numru ta' registrazzjoni RAD 577 b'manjiera perikoluza;

Ukoll talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, saq vettura bin-numru ta' registrazzjoni RAD 577 b'giri aktar milli jmissu.

Wara illi rat l-Artikoli 15(1)(a)(2), 18 (2) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet u l-Artikolu 127 tal-MVR, kif ukoll l-Artikoli dwar il-griehi ta' natura hafifa u gravi;

Ikkonsidrat:

Illi l-provi migjuba mill-Prosekuzzjoni mhumix sodisfacenti sabiex tigi stabbilita r-reita ta' l-imputat.

Illi l-imputat xhed b'reqqa u b'dettal kbir u pprovda l-provi kollha fil-pussess tieghu, sabiex jezonera ruhu minn din ir-responsabbilita'. Din id-dezonerazzjoni, l-Qorti hija konvinta minnha, u ghalhekk ma' tistax issibu hati dwar ir-responsabbilita' ta' dan l-incident u qeghda tilliberah.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------